

32002D0953

6.12.2002

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 330/39

## ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-5 ta' Diċembru 2002

**dwar kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità għal miżuri ta' emerġenza biex tiġi kkontrollata il-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer fl-Armenja, l-Ażerbajġan u l-Ġeorġja u d-Deċiżjoni emendatorja 2001/300/KE**

(notifikata taħt id-dokument numru C(2002) 4806)

(2002/953/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar l-infiq fil-qasam veterinarju <sup>(1)</sup>, kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni 2001/572/KE <sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikoli 12 u 13 tagħha,

Billi:

- (1) Il-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer, minħabba it-tipi A, O u ASIA 1, hija endemika fl-Armenja, l-Ażerbajġan u l-Ġeorġja u l-pajjiżi ta' mal-fruntiera. Il-presenza ta' tipi u sotto-tipi differenti tal-virus tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer u l-itfaċċjar ta' *viruses* ġodda antigenikament distinti f'dak ir-reġjun jikkonstitwixxu theddida għall-Komunità u jfixxlu l-ħidmiet meġhjunin mill-Komunità, tat-Turkija biex tikkontrolla l-marda.
- (2) Il-Komunità, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni Ewropea għall-Kontroll tal-Marda ta' l-ilsien u d-dwiefer (EUFMD) u l-Office international des épizooties (OIE), appoġġjat kampanji ta' tilqim ta' emerġenza kontra l-mard ta' l-ilsien u d-dwiefer fl-Armenja, l-Ażerbajġan u l-Ġeorġja fl-1999 u fl-2000 bl-użu ta' *Trust Fund* 911100/MTF/INT/003/KEE. Dan l-appoġġ ma tkomplexx minħabba nuqqasijiet identifikati waqt missjoni konġunta f'dawn il-pajjiżi mill-esperti mill-Kummissjoni u l-EUFMD fl-2000.
- (3) Għall-bidu ta' l-2002 rappreżentanti tal-Kummissjoni, l-EUFMD, l-Organizzazzjoni ta' l-Ikel u l-Biedja (il-FAO) u l-OIE, flimkien mal-kapijiet uffiċjali veterinarji ta' l-Armenja, l-Ażerbajġan u l-Ġeorġja fasslu programm biex jstabbilixxu linja ta' tilqim matul il-fruntieri tan-nofsinhar ta' dawk il-pajjiżi sabiex jissaħħaħ il-ħarsien tat-Turkija mill-invażjoni tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer.
- (4) Bil-għan li jiġi evitat it-tifrix tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer, il-Komunità għandha tikkontribwixxi għal miżuri ta' emerġenza biex jikkontrollaw dik il-marda fl-Armenja, l-Ażerbajġan u l-Ġeorġja.

- (5) L-ammont maħsub fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/300/KE tat-30 ta' Marzu 2001 dwar il-kooperazzjoni tal-Komunità ma' l-Organizzazzjoni ta' l-Ikel u l-Biedja b'attenzjoni partikolari għall-attivitajiet imwettqa mill-Kummissjoni Ewropea għall-Kontroll tal-Marda ta' l-ilsien u d-dwiefer <sup>(3)</sup>, u l-Ftehim ta' Implimentazzjoni konkluż skond dik id-Deċiżjoni mhuwiex biżżejjed biex ikopri l-ispejjeż maħsuba f'din id-Deċiżjoni. Il-kontribuzzjoni totali tal-Komunità għat-*Trust Fund* 911100/MTF/INT/003/KEE għandha għalhekk tiżdied bl-ammont meħtieġ biex jitwettaq il-programm konġunt tal-KE/EUFMD/OIE għall-kontroll ta' dik il-marda fl-Armenja, l-Ażerbajġan u l-Ġeorġja.
- (6) Il-Ftehim ta' Implimentazzjoni milħuq bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-FAO għandu jiġi emendat biex jagħti kas ta' l-emendi magħmula għad-Deċiżjoni 2001/300/KE.
- (7) Id-Deċiżjoni 2001/300/KE għandha tiġi emendata bix-xieraq.
- (8) Il-miżuri li hemm provdut għalihom f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Animali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

L-Artikolu 1

Il-fondi miżmuma fit-*Trust Fund* 911100/MTF/INT/003/KEE, li hemm provdut għalihom fid-Deċiżjoni 2001/300/KE, għandhom jintużaw għall-miżuri li ġejjin:

- (a) ix-xiri ta' 1 000 000 doża tal-vaċċin Al(OH)<sub>3</sub>-aġġuvat trivalenti kontra l-virus tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer tat-tipi O1, A-Iran 96 u ASIA1 b'saħħa ta' 6 PD<sub>50</sub>;
- (b) il-kunsinna tad-dożi tal-vaċċin imsemmi fil-punt (a) lill-awtoritajiet ċentrali veterinarji ta' l-Armenja, l-Ażerbajġan u l-Ġeorġja għal tilqim ta' emerġenza, fid-distretti matul il-fruntieri fin-nofsinhar tagħhom, ta' annimali suxxettibbli skond il-programm ta' tilqim li għandu jiġi stabbilit bi ftehim bejn l-awtoritajiet veterinarji ta' dawk il-pajjiżi u l-Kummissjoni Ewropea għall-Kontroll tal-Marda ta' l-ilsien u d-dwiefer (EUFMD);

<sup>(1)</sup> ĠU L 224, tat-18.8.1990, p. 19.<sup>(2)</sup> ĠU L 3, tas-6.1.2001, p. 27.<sup>(3)</sup> ĠU L 102, tat-12.4.2001, p. 71.

(ċ) sorveljanza fuq il-post tal-kampanja ta' tilqim u l-organizzazzjoni tas-sorveljanza seroloġika minn esperti maħtur mill-EUFMD;

(d) il-forniment ta' *test kits* li jikxfu l-anti-korpi kontra proteini mhux strutturali, is-sorveljanza tal-kampanja ta' tilqim u l-prova tas-sitwazzjoni tal-marda.

#### L-Artikolu 2

Għall-miżuri msemmeja fl-Artikolu 1, il-Kummissjoni għandha tgħaddi lit-*Trust Fund* 911100/MTF/INT/003/KEE l-ammont addizzjonali ta' 650 000 dollaru Amerikan.

#### L-Artikolu 3

Id-Direttur Ġenerali tas-Saħħa u d-Direttorat Ġenerali tal-ħarsien tal-konsumatur għandhom ikunu awtorizzati jagħmlu l-arranġamenti meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-miżuri maħsuba fl-Artikolu 2, ma' l-EUFMD ta' l-Organizzazzjoni ta' l-ikel u l-Biedja (FAO).

#### L-Artikolu 4

Id-Deċiżjoni 2001/300/KE hija emendata kif ġej:

1. L-Artikolu 1(2) huwa sostitwit b'li ġej:

“2. Mill-1 ta' Jannar 2001, l-obbligu finanzjarju tal-Komunità lejn il-fond imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jiġi stabbilit b'massimu ta' EUR 2 450 000 għal perjodu ta' erba' snin minn dik id-data.”

2. L-Artikolu 2(3) huwa sostitwit b'li ġej:

“3. Id-Direttur Ġenerali tas-Saħħa u d-Direttorat Ġenerali tal-ħarsien tal-konsumatur għandhom ikunu awtorizzati jiffirmaw il-Ftehim ta' Implimentazzjoni msemmi fil-paragrafu 1 fisem il-Kummissjoni. Għandu jkun awtorizzat jikkonkludi Ftehim ta' Implimentazzjoni mal-FAO emendat sabiex jingħata kas tat-tibdiliet magħmula fl-Artikolu 1(2).”

#### L-Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni hija ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fil-5 ta' Diċembru 2002.

*Għall-Kummissjoni*

David BYRNE

*Membre tal-Kummissjoni*